MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 998/1994/1

**Antonio u Rosaria konjugi Said**

**Vs**

**Simon Gatt u Carmelo Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet “Antonio Said vs Simon Gatt et” fis-16 ta’ Settembru 1993 il-konvenuti f’dik u f’  din il-kawza gew ikkundannati biex jirrimedjaw ghal xoghol hazin li ghamlu fil-proprjeta` taghhom adjacenti ghall-proprjeta` ta’ l-atturi ossia fond li jismu Cuor di Gesu, Triq il-Ferrovija (issa Triq il-Kappillan

Mifsud) Santa Venera u dan wara lil-istess Qorti ddikjarat fl-istess sentenza illi x-xoghol imsemmi kien qed jikkawza hsara fil-proprjeta` ta' l-attur imsemmija;

Premess fl-istess sentenza l-konvenuti gew ordnati jirrimedjaw skond relazzjoni peritali ta' l-AIC Frederick Doublet, li kien perit tekniku fl-istess kawza;

Premess illi minn dak inhar il-konvenuti minflok ghamlu dan baqghu ghaddejjin b'xoghol iehor li qed ikompli jghmel hsara lill-proprjeta` ta' l-atturi, l-iktar billi poggew planki illi qed imissu mal-proprjeta` ta' l-atturi;

Premess illi nonostante diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti baqghu ma rrimedjawx;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti biex jaqilghu ix-xoghol inkluzi l-planki li qed jaghmel hsara lill-proprjeta` ta' l-atturi fiz-zmien qaisr u perentorju minnha iffissat u that is-supervizjoni ta' perit minnha nominat;

2. Tawtorizza lill-atturi biex fin-nuqqas li dan isir, jaghmlu x-xoghol imsemmi huma that is-supervizzjoni ta' l-istess perit u a spejjez tal-konvenuti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u d-dokument li ghalih saret referenza;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi fiha gie eccepit:-

1. Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni peress illima hemmx talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta kontra l-konvenuti li huma b'xi mod responsabbi ta' allegat hsarat fil-proprjeta` ta' l-atturi;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici kellu jigu respinti peress illi huma kompletament infondati kemm fil-fatt u fid-dritt stnate illi x-xoghol kollu attwat minnhom sar u qed isir skond kif titlob is-sengha u l-arti, skond kif gie ndikat lilhom fil-perizja maghmula mill-Perit Frederick Doublet u mhux minnu li l-proprjeta` ta’ l-atturi qed isirlha xi hsara u se mai mhux b’konsegwenza ta’ l-agir ta’ l-atturi (*sic*);

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala l-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, l-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn wara li ssottometta:-

Premess illi l-atturi rikonvenzjonati ghandhom proprjeta` bl-isem ta’ Cuor di Gesu, gewwa PP Mifsud Street, Hamrun liema dar tinsab adjacenti ghal plot bin-numru 32 fejn sar u qed isir xoghol ta’ kostruzzjoni mill-konvenuti;

Premess illi skond sentenza moghtija minn dina l-Qorti diversament presjeduta datata 16 ta’ Settembru 1993, il-konvenuti kienu gew ordnati jattwaw xi xoghol rimedjali fuq l-istess plot kif ukoll fid-dar ta’ l-atturi rikonvenzjonati;

Premess illi nonostante l-fatt li l-konvenuti mhux talli effettwaw tali xoghol rimedjali izda sahansitra hadu prekawzjonijiet u wzaw diligenza aktar rigoruza fix-xoghol taghhom biex ma jkollhomx ilmenti mill-istess atturi, huma xorta wahda baqghu jigu affaccjati b’allegazzjonijiet ulterjuri kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Premess illi l-konvenut kienu kostretti li jibnu qoxra ohra fuq l-art taghhom minflok appoggjaw mal-proprjeta` ta'l-atturi stante li ta l-ahhar ma hallewhomx jappoggjaw;

Premess illi l-allegazzjonijiet da parti ta'l-attur rikonvenzjonati gew intavolati fl-odjerna citazzjoni u f'mandat ta' inibizzjoni precedenti numru 1853/94 liema mandat kien gie michud kontra l-istess atturi;

Premess illi tali allegazzjonijiet huma vessatorji u qed isirvu biss biex jippregudikaw lill-istess konvenuti b'konsegwenza li qed isofru danni minhabba l-agir abusiv u rresponsabbli da parti ta' l-istess atturi;

Wara dawn il-premessi huma talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li t-talbiet ta' l-istess atturi huma vessatorji fil-konfront tal-konvenuti u l-agir taghhom huwa wiehed ta' natura abbuziva;

2. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli tad-danni kollha li sofrew l-istess konvenuti b'konsegwenza ta' tali agir abbuziv;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti jekk hemm bzonn permezz ta' nomina ta' esperti tal-Qorti;

4. Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jhallsu lill-konvenuti d-danni kollha hekk kif likwidati;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-istess atturi rikonvenzjonati;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda akkompanjanti l-imsemmija kontro-domandi tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghat-talbiet rikonvenzjonali fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba tal-konvenuti hija ghal kollox infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, tant hu hekk lil-istess konvenuti lanqas biss indikaw f'hix jikkonsistu d-danni li qed jallegaw li sofrew;

U ghamlu rizerva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' Ottubru 1994 fejn fuq talba taz-zewg partijiet, il-Qorti ordnat li jigi anness il-process tal-kawza fl-istess ismijiet deciza fis-16 ta' Settembru 1993, u nnominat anki fil-kawza odjerna lill-Perit Arkitett Frederick Doublet biex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u l-kontro-domandi tal-konvenuti;

Rat ukoll il-verbal tat-3 ta' Gunju 1997 dwar ix-xoghol in kwistjoni;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku li tinsab a fol. 58 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tal-1 ta' Lulju 1998;

Rat in-nota ta' l-atturi ghan-nomina ta' periti addizzjonali;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu gew nominati bhala periti addizzjonali, l-periti Albert Borg Costanzi, Anthony Bailey u Michael Angelo Refalo; u dan ta' l-ahhar kien gie sostitwit bil-perit Rene` Buttigieg wara rikors appozitu ta' l-istess Perit Refalo;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija periti addizzjonali li tinsab a fol. 146 *et sequitur* tal-process u li giet debitament minnhom konfermata;

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti fuq talba ta' l-atturi ordnat lill-istess periti addizzjonali jzommu access ulterjuri;

Semghet lill-istess periti u lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza ilha pendenti aktar minn tmien snin ghalkemm tidher li kienet ta' facli spedizzjoni; ezami tal-process u senjatament il-bosta verbali ta' l-udjenzi, jispjegaw b'mod car is-sitwazzjoni; in-natura tal-kawza kienet tali li minhabba fiha il-Qorti accettat kull talba ghal differiment jew ghal kull dokument jew sottomissjoni li setghet issir mill-kontendenti u dan peress li l-Qorti fehmet li jekk dan ma jkunx gie accettat, anki wara d-decizjoni odjerna, kienu ser jittiehdu proceduri ohra - din il-Qorti ppruvat tevita tali eventwalita`;

Illi irrid jigi rilevat illi l-atturi intavolaw din ic-citazzjoni in segwitu ghal sentenza ohra fl-istess ismijiet u li fiha l-Qorti kienet ordnat li jsir certu xoghol rimedjali fil-proprjetajiet tal-kontendenti; l-atturi allegaw li l-konvenuti "minflok ma ghamlu dan (ix-xoghol rimedjali ordnat) baqghu ghaddejjin b'xoghol iehor li qed ikompli jaghmel hsara lill-proprjeta` ta' l-atturi, l-aktar billi poggew planki li qed imissu mal-proprjeta` ta' l-atturi";

Illi l-partijiet qablu li jigi nominat l-istess perit li kien gie nominat fl-istess kawza originali, anki fil-kawza odjerna; u dan il-perit, wara l-accessi u s-seduti mehtiega, sa minn Ottubru 1997 kien ipprezenta r-rapport tieghu li pero` b'nuqqas ta' l-atturi, gie konfermat biss fl-1 ta' Lulju 1998;

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax b'approvazzjoni ir-rapport ta' l-imsemmi perit Doublet li spjega b'mod car u dettaljat li jista' jigi assimilat anki minn ma huwiex tekniku, il-punti u d-diffikultajiet kollha sottomessi mill-kontendenti;

Illi l-Qorti taqbel u taghmel taghha l-osservazzjonijiet kollha trattati fl-ewwel rapport fejn il-perit indika li "il-konvenuti ma kienx fadlilhom rimedji x'jaghmlu u kien fadal biss ir-rimedji fil-fond ta' l-atturi"; dwar dawn ta' l-ahhar issottometta wkoll li "jekk dawn ma jsirux jistghu jirrizultaw aktar hsarat fil-hajt anki bil-pisien biss tal-bini ta' l- atturi";

Illi l-atturi ma qablux ma' l-ewwel rapport u fuq talba taghhom gew nominati periti addizzjonali biex jirrevedu l-kaz;

Illi dawn il-periti “qablu mal-konkluzjonijiet ta’ l-ewwel perit illi l-konvenuti ghamlu r-rimedji kollha specifikati li kellhom jaghmlu fuq in-naha taghhom tal-hajt divizorju izda ma ghamlu xejn mir-rimedji specifikati li kellhom isiru fil-fond ta’ l-atturi” u li “l-umidita` fil-kmamar ma genb il-bitha tal-konvenuti u fuq wara tal-fond ta’ l-atturi ma saritx bix-xoghol tal-konvenuti u ma ghandux isir xejn f’dawn iz-zewg lokalitajiet tal-konvenuti ... meta isir ix-xoghol rimedjali fil-fond ta’ l-atturi u dana mill-konvenuti a spejjez taghhom kif specifikat fir-rapport ta’ l-ewwel perit ma ghandux ikun (hemm) iktar fuqhiex wiehed jilmenta.” Huma jaghmlu wkoll referenza ghall-planki li lmentaw dwarhom l-atturi u jsostnu li “ma jhossux li ghandhom jitnehhew il-planki stante l-ewwel li dawn ma kienux indikati fl-ewwel rapport li ghandhom jitnehhew u t-tieni billi bl-ezami tax-xoghol kif tlesta fuq in-naha tieghu mill-konvenut jidher skond l-esponenti li sar xoghol li kien mehtieg.”;

Illi wara dan ir-rapport ulterjuri l-atturi talbu li jeskutu l-imsemmija periti anki fid- dawl ta' xi ritratti minnhom esebiti; il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' l-mod car u li ma jhallix dubji, kif xehdu l-imsemmija periti addizzjonali;

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha stampa tajba ta' dak kollu li gara f'din il-vertenza u tifhem li l-konvenuti ma ghandhom l-ebda nuqqas fl-operat taghhom ghalkemm l-intransigenza ta' l-atturi mhux qed jippermettu li t-talba originali taghhom tigi ezawrita;

Illi minn naha taghhom il-konvenuti pprezentaw kontro-talba ghad-danni imma ma tressqux provi f'dan ir-rigward u l-Perit Doublet issottometta li "il-bini tal-konvenuti illum lest u l-esponenti mhux f'posizzjoni (anki fin-nuqqas ta' provi) li jikkwantifika xi danni, jekk hemm, dovuti lill-konvenuti".

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-kontendenti; tichad kemm iz-zewg talbiet ta' l-atturi, kif ukoll l-erba' kontro-talbiet maghmula mill-konvenuti.

L-ispejjez jithallsu tliet kwarti (3/4) mill-atturi u kwart (1/4) mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------